MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 283/2011

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C D *sive* E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu l-Awstralja nhar it-23 ta' April 1960 fil-Knisja ta' Saint A, f' Glenthuntly, Victoria, Awstralja.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-2006 u dan ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 12 ta' Lulju 2006;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra r-rikorrent ifforma rabta ma' persuna ohra;

Illi ai termini ta' l-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ftehmu li bhala manteniment, il-pensjoni illi sad-data tal-kuntratt ta' separazzjoni kienet ippercepita mir-ragel, kienet ser tinqasam f' ammont ugwali bejn il-partijiet u inoltre, il-partijiet obbligaw ruhhom li jaghmlu l-arrangamenti necessarji sabiex isir dan l-arrangament mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jew kull awtorita' kompetenti;

Illi effettivament, dawn l-arrangamenti saru proprju qabel il-kuntratt u sa mit-8 ta' Lulju 2006, il-pensjoni bdiet tinqasam bejn il-partijiet. Dan kif ikkonfermat fl-ittri mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali datati 4 ta' Frar 2009 u 2 ta' Lulju 2010 rispettivament u ghalhekk l-intimata qed tircievi sehemha direttament mid-dipartiment;

Illi in piu' it-tfal tal-partijiet huma lkoll maggorenni u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut ghalihom;

Illi r-rikorrent huwa persuna ta' kondotta tajba;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent filwaqt li jaghmel referenza ghas-suespost jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------